MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2003

Avviz Numru. 1000/2001/1

**Quality Meat Products Limited**

**vs**

**Nazzareno sive Rennie Muscat**
**ghan-nom u in rapprezentanza tas-socjeta’**
**Pesca Azzurra Limited**
**U b’digriet tad-29 ta’ Mejju, 2002, gie kjamat fil-kawza**
**Ronald Fava**

**Il-Qorti,**

Wara li rat it-talba tas-socjeta’ attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas tas-somma ta’ elfejn, mija u ghoxrin Lira Maltin u wiehed u erbghin centezmu (Lm2,120.41) ammont rapprezentanti prodotti tal-laham mibjugha u kkonsenjati lill-konvenut, liema hlas baqa’ ma sarx.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali tas-27 ta’ Awissu, 2001, u tal-Mandati Kawtelatorji li gew ipprezentati kontestwalment ma’ l-avviz, u interessi kummercjali mid-

data tal-konsenja relattiva sal-pagament effettiv kontra l-konvenut nomine li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut nomine u l-kjamat fil-kawza iwiegbu ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat (Art. 698(2) u 702 Proc. Civili);

Billi ghalkemm notifikati regolarment il-konvenut nomine u l-kjamat fil-kawza naqsu u ma dehrux, la fit-18 ta' Marzu, 2003, meta gew ipprezentati l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Tiddeciedi billi tilqa' t-talba attrici bl-ispejjez kontra l-konvenut nomine u l-kjamat fil-kawza.

--------------------------------TMIEM--------------------------------